

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett

Talba tar-rikorrent intiża sabiex jiġi rrikonoxxut lilu l-status ta' membru tal-persunal tal-Unjoni Ewropea.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) A.G. Pirri għandu jħabli l-ispejjeż tiegħu.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tas-6 ta' Diċembru 2011 — Wendelboe vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-85/11) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Kwistjonijiet proċedurali — Eċċeżżjoni ta' inammissibbiltà — Rifiut ta' promozzjoni — Trasferiment interistituzzjonal matul il-proċedura ta' promozzjoni li matulha l-uffiċjal ġiet promossa fl-istituzzjoni tagħha ta' oriġini — Ilment — Dewmien — Inammissibbiltà)*

(2012/C 138/72)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Wendelboe (Howald, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Bercheid u C. Berardis-Kayser, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li r-rikorrenti ma tiġix promossa għall-grad AST 5 mill-1 ta' Marzu 2009 abbażi tal-proċedura ta' promozzjoni 2009.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- (2) Wendelboe hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 340, 19/11/2011, p. 42.

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-12/12)

(2012/C 138/73)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Blot u C. Bernard-Glanz, avukati)

### Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tħad it-talba tar-rikorrenti li tirrigwarda l-klassifikazzjoni tagħha fil-grad AD 11 b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2010 u l-kumpens għad-dannu allegatament subit.

### Talbiet tar-rikorrenti

- Jannulla d-deċiżjoni adottata fit-18 ta' Ottubru 2011 li tirrif-juta lir-rikorrenti l-klassifikazzjoni mill-ġdid fil-grad AD 11 mill-1 ta' Jannar 2010;
- jikkumpensa d-dannu morali subit mir-rikorrenti li l-kumpens ekwu għalihi huwa evalwat għal EUR 22 000;
- sussidjarjament, jikkumpensa d-dannu materjali subit mir-rikorrenti għal EUR 11 742,48 għas-sena 2010, kif ukoll, għall-perijodu sussegwenti sad-data tas-sentenza li ser tingħata f'din il-kawża, ammont varjabbl li għandu jiġi kkalkolat, flimkien mal-interessi kompensatorji u moratorji birrat legali meħtieġa; u flimkien ma' dan l-ewwel total l-ammont fil-forma ta' somma f'daqqa li jirriżulta mill-evalwazzjoni tat-Tribunal għall-kumpens tat-tieni komponent tad-dannu materjali li l-ammont indikattiv u provviżorju tiegħu jista' jiġi stabbilit għal madwar EUR 120 000;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Frar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-13/12)

(2012/C 138/74)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: S. Rodrigues, C. Bernard-Glanz, A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li l-kuntratt tar-rikorrenti bħala aġġent kuntratwali ma jiġġeddidx.

### Talbiet tar-rikorrenti

- Jiddikjara r-rikors preżenti ammissibbli;

- jannulla d-deċiżjoni adottata mill-kap tal-unità “reklutaggħ u tmiem tas-servizz”, Direttorat HR.B, DG Riżorsi Umani u Sigurtà, fil-kwalità tiegħu ta’ Awtorità Investita bis-Setgħha li tikkonkludi Kuntratti tal-Impljieg (AHCC), li l-kuntratt tar-rikorrenti ma jiġġeddidx;
- sa fejn hemm bżonn, jannulla d-deċiżjoni adottata mill-AHCC, li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrenti;
- riintegrazzjoni tar-rikorrenti fil-funzjonijiet tagħha fi ħdan id-DG DIGIT fil-kuntest ta’ estensjoni tal-kuntratt tagħha f’konformità mar-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal;
- sussidjarjament, u fil-każ li t-talba għar-riintegrazzjoni kif deskritta iktar ‘il fuq ma tiġix milqugħha, jikkundanna lill-konvenuta tirrimedja għad-dannu subit mir-rikorrenti, evalwat provviżorjament u ex aequo et bono għad-differenza bejn ir-remunerazzjoni li kieku kienet tirċievi bħala aġent temporanju fi ħdan il-Kummissjoni li kieku l-kuntratt tagħha ġġedded, u l-ammont tal-benefiċċċi ta’ qgħad li hija attwament tirċievi, u dan għal perijodu ta’ sentejn (li jikkorrispondi għat-tul tat-tiġidid previst skont l-Artikolu 8 tal-Kundizzjonijiet tal-Impljieg), flimkien mal-interessi moratorji bir-rata legali waqt il-perjodu kkonċernat;
- fi kwalunkwe każ, jikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas ta’ somma ffissata provviżorjament u ex aequo et bono għal EUR 5 000, bħala kumpens għad-danni morali, flimkien mal-interessi moratorji bir-rata legali b-effett mis-sentenza li għandha tingħata;
- jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżzentat fl-4 ta’ Frar 2012 — ZZ vs Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri**

(Kawża F-14/12)

(2012/C 138/75)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappresentant: O. Mader, avukat)

Konvenuta: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**Suġġett**

Annnullament tad-deċiżjonijiet tal-konvenuta li r-rikorrent ma jiġix promoss għall-grad AD13 fil-kuntest tal-proċedura ta’ promozzjoni 2011.

**Talbiet tar-rikorrent**

- jannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tas-26 ta’ Mejju 2011 li r-rikorrent ma jiġix promoss għall-grad AD13 fil-kuntest tal-proċedura ta’ promozzjoni 2011;

- jannulla d-deċiżjoni tal-konvenuta tat-18 ta’ Novembru 2011 li permezz tagħha din ikkonfermat in-numru ta’ posti-jiet disponibbli fl-2011 għal promozzjoni fil-grad AD13 bil-konsewenza li l-ilment tar-rikorrent kontra d-deċiżjoni tas-26 ta’ Mejju 2011 ġie miċħud;

- jikkundanna lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-ispejjeż.
- 

**Rikors ippreżzentat fl-10 ta’ Frar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-16/12)

(2012/C 138/76)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappresentanti: P. Nelissen Grade u G. Leblanc, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni sabiex tinbidel unilateralement l-assenazzjoni tar-rikorrenti.

**Talbiet tar-rikorrenti**

- jannulla d-deċiżjoni ta’ assenazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-1 ta’ Frar 2012 li tassenja lir-rikorrenti fl-unità D5 minflok fl-unità A4;

- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrenti ammont ta’ EUR 3 000 bħala kumpens għal danni morali;

- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 

**Rikors ippreżzentat fit-8 ta’ Frar 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-17/12)

(2012/C 138/77)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappresentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Il-kundanna tal-Kummissjoni sabiex tħallas kumpens għad-dannu li r-rikorrent qiegħed jallega li ġarrab minħabba t-tul eċċessiv tal-proċedura għar-rikonoxximent tal-gravità tal-marda li kien isofri minnha.